# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 4**

**Rikors numru 389/16/2 LSO**

**L-Avukat Dr. Ramona Azzopardi bhala mandatarja specjali ta' Carmel Azzopardi sive Charles John Pace**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

1. Dan huwa appell wara kawża intavolata mill-attur permezz ta' liema qed jitlob illi ssir korrezzjoni fl-att ta' twelid tiegħu, kemm f'ismu u kif ukoll f'kunjomu, sabiex kull referenza għall-isem "Carmel" tiġi mibdula għal "Charles John" filwaqt illi l-kunjom jinbidel minn "Azzopardi" għal "Pace." L-attur jikkontendi illi peress illi huwa kien emigra lejn l-Awstralja fl-1954 kien beda juża l-isem u kunjom "Charles John Pace" minflok "Carmel Azzopardi" meta beda jaħdem għaliex dan kien aktar faċli biex jinftiehem

fl-Awstralja. L-attur kien għalhekk formalment irrinunzja għal kunjom patern "Azzopardi" u uffiċjalment addotta minflok il-kunjom matern "Pace", kif ukoll l-isem "Charles John" permezz ta' *statutory declaration* ai termini ta' Section 17 tal-Australian Registration of Deeds Act (1987), fit-8 ta' Gunju 1971, u ma reġax uża l-isem u kunjom "Carmel Azzopardi" minn dakinhar. Minn dak iż-żmien `l hawn, l-awtoritajiet Awstraljani harġu ċertifikat ta' żwieġ, passaport u liċenzja tas-sewqan għall-attur, u f'dawn id-dokumenti kollha huwa jinsab indikat bħala "Charles John Pace." Pero`, l-attur għadu xorta waħda ndikat bħala "Carmel Azzopardi" fuq iċ-ċertifikat ta' twelid tiegħu, u għalhekk meta applika għal passaport Malti dan il-passaport inħareg taħt l-isem "Carmel Azzopardi" u mhux "Charles John Pace", b'mod illi l-attur issa għandu żewġ passaporti b'żewg ismijiet differenti, wieħed maħruġ mill-awtoritajiet Awstraljani taħt l-isem Charles John Pace u l-ieħor maħruġ mill-awtoritajiet Maltin taħt l-isem Carmel Azzopardi. Huwa għalhekk qiegħed jitlob li ssir korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu sabiex dan ikun jirrifletti l-isem u l-kunjom illi huwa addotta kif spjegat.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-ewwel Qorti sabiex:

i. Tiddikjara illi l-ismijiet tal-attur fil-kolonna 'Ismijiet moghtijin' fic-certifikat tat-twelid, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru sitta tnejn disgha (629) tas-sena elf disa' mija wiehed u hamsin (1951)

ghandhom ikunu 'Charles John, Pasquale, Saviour' u mhux 'Carmel, Pasquale, Saviour';

ii. Tiddikjara illi l-isem tal-attur fil-kolonna 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' fic-certifikat tat-twelid, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru sitta tnejn disgha (629) tas-sena elf disa' mija wiehed u hamsin (1951) ghandu jkun 'Charles John Pace' u mhux 'Carmel' jew 'Carmel Azzopardi';

iii. Tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru sitta tnejn disgha (629) tas-sena elf disa' mija wiehed u hamsin (1951) billi taht il-kolonna 'Ismijiet moghtijin' il-kliem 'Carmel, Pasquale, Saviour' jigu sostitwiti bil-kliem 'Charles John, Pasquale, Saviour';

iv. Tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur, mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru sitta tnejn disgha (629) tas-sena elf disa' mija wiehed u hamsin (1951) billi taht il-kolonna 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' il-kelma 'Carmel' jew il-kliem 'Carmel Azzopardi' jigu sostitwiti bil-kliem 'Charles John Pace';

U dan salv kull provvediment iehor u opportun li jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

3. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku eċċepixxa, *inter alia,* illi l-attur ma ressaqx biżżejjed provi li jikkorroboraw il-premessa tiegħu illi tul ħajtu kien konsistentement imsejjaħ Charles John u mhux Carmel, illi ai termini tal-Artikolu 4(3) tal-Kodiċi Ċivili wlied fiż-żwieġ jieħdu awtomatikament il-kunjom ta' missierhom u m'huwiex possibli illi persuna tieħu biss il-kunjom tal-omm, illi persuna ma tistax tbiddel isimha jew kunjomha meta tkun bdiet tagħmel użu minn kunjom differenti kapriċċożament, u illi l-Artikolu 253 (6) tal-Kodiċi Ċivili jagħti setgħa biss li jsir tibdil fl-isem u mhux ukoll fil-kunjom.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Novembru 2016 ġie deċiż hekk:

> "Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:-
>
> "1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-ismijiet fic-certifikat tat-twelid bin-numru 629 tas-sena 1951 ghandhom ikunu "Charles John, Pasquale, Saviour" u mhux "Carmel, Pasquale, Saviour."
>
> "2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-isem tal-attur ficcertifikat tat-twelid numru 629 tas-sena 1951, ghandu jkun "Charles John " u mhux "Carmel "
>
> "3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent bin-numru 629 tas-sena 1951, billi lkliem "Carmel, Pasquale, Saviour" jigi sostitwit bl-isem "Charles John, Pasquale, Saviour".

"4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li ssir korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent bin-numru 629 tas-sena 1951 billi lisem "Carmel Azzopardi" jigi sostitwit bil-kliem "Charles John Pace."

"Tiddikjara li permezz tad-deed poll debitament registrat f'Sydney, l-Awstralia fit-8 ta' Gunju 1971 (Dok B) ir-rikorrent biddel kunjomu minn' Azzopardi' ghal 'Pace' skont il-ligi applikabbli fl-Awstralja.Ghaldaqstant tordna lid-Direttur tarRegistru Pubbliku sabiex jaghmel annotazzjoni fic-certifikat tat-twelid premess sabiex jigi rikonoxxut li r-rikorrent biddel kunjomu permezz tad-Deed Poll imsemmi u jinghata effett lil din il-bidla.

"Il-Qorti tordna wkoll ai termini tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni/annotazzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Ligi.

**"L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent**."

5. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors datat 29 ta' Novembru 2016, u talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn laqgħet it-talbiet numru wieħed sa tlieta tal-appellat u tħassar u tirrevoka dik il-parti fejn laqgħet ir-raba' talba tal-appell u dik il-parti fejn iddikjarat illi permezz ta' *deed poll* reġistrata f'Sydney fit-8 ta' Gunju 1971 ir-rikorrent biddel kunjomu minn Azzopardi għal Pace skont il-liġi applikabbli fl-Awstralja u ordnat lill-appellant jagħmel annotazzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid sabiex ir-rikorrent jiġi rikonoxxut li biddel kunjomu permezz tal-imsemmija *deed poll*, bl-ispejjeż kontra l-appellat.

6. Minkejja illi l-attur noe ġie debitatment notifikat, huwa baqa' ma preżenta l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

**Ikkonsidrat;**

**L-Appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

*7.* Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ressaq aggravju wieħed fl-appell tiegħu, permezz ta' liema jilmenta dwar dik il-parti tad-deċizjoni tal-ewwel Qorti li tirrigwarda t-talba tal-attur għal korrezzjoni f'kunjomu. Id-Direttur appellant jargumenta illi taħt il-liġi Maltija wieħed ma jistax ibiddel kunjomu kapriċċożament u ħadd ma jista' jneħħi l-kunjom ta' missieru u jaddotta l-kunjom ta' ommu minflok, u dan fid-dawl tal-Artikolu 4(3) tal-Kodiċi Ċivili. Isostni illi ladarba *deed poll* m'għandha l-ebda ekwivalenti f'Malta taħt il-liġi Maltija ma tista ssir l-ebda korrezzjoni fil-kunjom tal-attur abbażi ta' *deed poll* magħmul fl-Awstralja, u jagħmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-31 ta' Jannar 2011 fl-imsijiet **Anthony Mallia u Rachel Boarer pro et noe v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** fejn gie ritenut illi taħt il-liġi Maltija d-*deed poll* jitqies null.

8. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-ġurisprudenza minnha citata:

> "Fil-kaz odjern, ir-rikorrent wera li d-deed poll originali saret fl-1971, permezz ta' Dok B esebit (fol 6). Di piu`, regghet saret dikjarazzjoni statutorja permezz ta' avukat fl-Awstralja f'April 2016, (29-31) fejn gie anness id-deed poll originali (fol 32), u tirrizulta r-registrazzjoni li kienet saret dak izzmien fl-Ufficju tar-Registrar Generali f' Sydney l-Awstralja fl-1971 stess (fol 33). Inoltre`, jirrizulta wkoll minn kopji ta' dokumenti esebiti, u cjoe` kopja tal-passaport Awstraljan (fol 9 u fol 34), li nhareg fl-2011, li isem ir-rikorrent hu mnizzel bhal Charles John Pace. Ghalhekk, jidher li leffetti tad-deed poll in kwistjoni gew rikonoxxuti, u nghataw l-effett legali necessarju skont fil-pajjiz fejn ir-rikorrenti qed jirrisjedi, u cjoe` fl-Awstralja. Minbarra, kopja tal-passaport Awstraljan, hu esebixxa wkoll mar-rikors promotur, kopja tac-certifikat taz-zwieg li sehh f' Dicembru 2006 fl-Awstralja Dok C (fol 8) u kopja tal-licenzja tas-sewqan fl-Awstralja Dok E (fol 10) fejn isem l-attur hu rikonoxxut hekk kif tnizzel fid-deed poll, bhala Charles John Pace.
>
> "Fid-dawl tad-dokumenti esebiti, wara li rat l-atti kollha talkaz, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent irnexxielu jipprova r-rekwiziti legali ghar-rikonoxximent tad-deed poll, u t-talba tieghu hi ghalhekk gustifikata kif trid il-ligi.
>
> "Ikkonsidrat ukoll li ghal dak li jirrigwarda t-tibdil fl-ismijiet, irrikorrent pproduca provi soddisfacjenti oltre l-deed poll permezz tad-dokumenti esebiti u ghandu jitqies li b'hekk ukoll issoddisfa ir-rekwisiti tal-artikolu 253(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> "Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghall-provi migbura, billi hemm qbil li l-provi prodotti jissodisfaw ir-rekwiziti legali ghar-rikonoxximent tad-"deed poll" li sar fl-Awstralja.
>
> "Madanakollu mhiex ser tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid fir-rigward tat-tibdil tal-kunjom billi ma sarx zball fit-termini tal-artikolu 253(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta izda ser tordna li ssir annotazzjoni li l-kunjom inbidel permezz tad-deed poll fuq evidenzjat.
>
> "Dan kollu premess tqies li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz."

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

9. L-aggravju tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku essenzjalment jittratta r-rikonoxximent tal-bidla fil-kunjom li l-attur għamel permezz ta' *deed poll* fl-Awstralja u l-konsegwenti ordni sabiex issir annotazzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu li tirrifletti din il-bidla.

10. Huwa minnu kif jargumenta d-Direttur appellant illi skont il-liġi Maltija m'huwiex possibbli għal ulied li jitwieldu fiż-żwieġ li ma jieħdux il-kunjom tal-missier jew li jirrinunzjaw għal dan il-kunjom. Pero` jirriżulta illi l-bidla fil-kunjom magħmula mill-attur ma saritx ai termini tal-liġi Maltija iżda saret ai termini tal-liġi Awstraljana. Mill-provi prodotti mill-attur, u senjatament mix-xhieda tal-avukat Awstraljan Benjamin Djekovic jirriżulta li kien proprju legalment possibli għall-attur li jaffettwa din il-bidla u jieħu l-kunjom matern minflok il-kunjom patern. Il-kredibilita` u l-affidabilita` ta' din ix-xhieda ma ġiet bl-ebda mod kontestata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

11. Huwa minnu wkoll illi skont il-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, talba għal korrezzjoni fil-kunjom ta' individwu għandha tiġi trattata b'ċirkospezzjoni kbira mill-Qorti u m'għandhiex tigi faċilment milqugħa. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Naudi v. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA, 15/10/2015):

> "Illi l-fatt wahdu li persuna jaghzel kunjom u jibda juzaha ma jfissirx li b'hekk tali ghazla bilfors ghandha tinghata rikonoxximent legali semplicement ghaliex holoq stat ta' fatt gdid u kunjom gdid. Il-flessibilita' murija mill-Qrati taghna f'cirkostanzi differenti ma joffrux, fil-

> fehma tal-Qorti, konfort lir-rikorrent odjern billi l-kunjom li jiztieq juza huwa dik tannanna materna b'dana li qed sahansitra jikkancella kunjom xbubi ommu li huwa 'Caruana'. Mhuwiex certament il-hsieb tal-legislatur, u lanqas tal-Qrati taghna, li jippermettu li jsiru dawn l-ghazliet a godimento mill- kunjomijiet uzati mill-antenati ta' dak li jkun."

12. Detto dan, hija l-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati f'dawn l-aħħar snin illi fejn ikun sar tibdil fil-kunjom permezz ta' *deed poll* f'pajjiż esteru u jkunu tressqu quddiem il-Qorti provi suffiċjenti rigward il-validita` u l-effetti ta' dan id-*deed poll* fis-sistema legali fejn ikun sar, issir annotazzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-istess individwu li tkun tirrifletti din il-bidla. Huwa ċar minn qari ta' din il-ġurisprudenza illi dan isir fl-aħjar interess kemm tal-istess individwu u kif ukoll tal-pubbliku in ġenerali, sabiex tiġi evitata l-konfużjoni li tista' tinħoloq mill-fatt illi l-istess individwu ikun uffiċjalment magħruf b'żewg kunjomijiet differenti. Hekk per eżempju, fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Andrew Sciortino noe v. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku** (Appell, 15/07/2020) ġie deċiż illi:

> *"…huwa fl-ahjar interess kemm tal-partijiet involuti kif ukoll fl-interess pubbliku in generali li kunjom ir-rikorrent jigi mibdul minn dak ta' Asghar ghal dak ta' Camilleri kkunsidrat li r-rikorrenti ilu issa maghruf b'dan il-kunjom ta' Camilleri mis-sena 2009 u d-'deed poll' esebit ma jhalli l-ebda dubju. Stante li jirrizulta lil din il-Qorti li anki filpajjiz tal-Ingilterra ir-rikorrenti huwa rikonoxxut bil-kunjom ta' Camilleri din il-Qorti tqis li fl-ahjar interess anki tal-pubbliku in generali f'Malta r-rikorrent ghandu jkun maghruf bil-kunjom ta' 'Camilleri'"*

[ara wkoll **Maria Courtney Benner v. Direttur tar-Registru Pubbliku** (Appell, 12/12/2018); **Av. Rodianne Sciberras noe v. Direttur tar-Registru Pubbliku** (Appell, 09/07/2019); **Edward John A. Bailey v. Direttur tar-Registru Pubbliku** (Appell, 21/11/2019); **Antoinette Mulholland v. Direttur tar-Registru Pubbliku** (Appell, 12/12/2019); **L-**

**Avukat Dr. Malcolm Mifsud noe v. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku** (Appell, 11/02/2020); **John Pullicino sive John Pollard v. Direttur tar-Registru Pubbliku et** (Appell, 05/03/2020);

13. F'dan il-kaz, mill-affidavit tal-avukat Awstraljan Benjamin Djekovic tirriżulta spjegazzjoni dwar il-bażi legali li fuqha jsir tibdil fl-isem jew kunjom fis-sistema legali Awstraljana. F'dan l-affidavit jinsab ikkonfermat illi l-attur irreġistra dan id-*deed poll,* liema reġistrazzjoni hija evidenzjata mit-timbru u sigill tar-*Registrar General* li l-istess avukat jispjega li jikkostitwixxi prova li dan id-*deed poll* ġie rreġistrat fil-*General Register of Deeds.* L-Avukat Djekovic spjega wkoll fl-affidavit tiegħu illi l-attur ilu klijent tiegħu għal diversi snin u dejjem kien magħruf u rikonoxxut minn kulħadd, inkluz mill-awtoritajiet Awstraljani bl-isem u kunjom "Charles John Pace", u partikolarment minn "*the Land Titles Office in numerous property and other transactions which have very onerous requirements in relation to proof of identification."* Ikkonsidrat dan kollu, il-Qorti tqis illi l-konklużjoni tal-ewwel Qorti hija korretta u għandha tiġi kkonfermata.

14. Għaldaqstant dan l-appell huwa evidentement infondat u qed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku appellanti u tikkonferma s-sentenza

appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kollha ta' dan l-appell jitħallsu mill-istess Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm